Nru. 17,506
Prezz 80c
Price 80c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 21 ta' Novembru, 2003
Friday, 21st November, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1087

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

Il-21 ta' Novembru, 2003
(File No. L189/2003)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista' għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija suġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art f'Ħal Għaxaq:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 74 metru twila, 0.75 metri wiesgħa, 1.5 metri fonda, tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 2,424 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral u mil-Lvant ma' triq u mill-Grigal ma' proprjetà ta' Nikola Dev. Co.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1087

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

21st November, 2003

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land at Għaxaq:–

1. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 74 metres long, 0.75 metres wide, 1.5 metres deep, laying of services for an indefinite period in a field measuring about 2,424 square metres, bounded on the North West and the East by a road and on the North East by property of Nikola Dev. Co.

2. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 145 metru twila, 0.75 metri wiesgħa, 1.5 metri fonda, tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 12,434 metru kwadru, li tmiss mix-Xlokk ma' sqaq, mil-Lvant ma' proprjetà ta' Guido Agius u mill-Punent ma' proprjetà ta' Francis Desira.

3. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 118-il metru twila, 0.75 metri wiesgħa, 1.5 metri fonda, tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 9,071 metru kwadru, li tmiss mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Nikola Dev. Co., u mit-Tramuntana u mil-Lvant ma' sqaq.

4. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 152 metru twila, 0.75 metri wiesgħa, 1.5 metri fonda, tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 15,623 metru kwadru, li tmiss min-Nofsinhar u mill-Punent ma' sqaq u mill-Grigal ma' proprjetà ta' Kitty Fenech.

5. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 84 metru twila, 0.75 metri wiesgħa, 1.5 metri fonda, tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 5,513-il metru kwadru, li tmiss mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' J.M. Farrugia u oħrajn, mil-Lvant ma' proprjetà ta' John Calleja u oħrajn u mill-Punent ma' proprjetà tal-Kurja Arċiveskovili.

6. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 35 metru twila, 0.75 metri wiesgħa, 1.5 metri fonda, tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 2,909 metri kwadri, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Kurja Arċiveskovili, mill-Punent ma' proprjetà ta' Kitty Fenech u mill-Grigal ma' proprjetà tal-familja Degiovanni.

7. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 142 metru twila, 0.75 metri wiesgħa, 1.5 metri fonda, tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 10,048 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana u mill-Majjistral ma' sqaq u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' John Calleja u oħrajn.

L-artijiet hawn fuq imsemmija huma murija bil-kulur aħdar bħala *plots* Nri. minn 1 sa 7 filwaqt li t-trinka hija murija bil-kulur aħmar fuq pjanta mmarkata P.D. 110_2003, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GEORGE HYZLER
A/President

L-14 ta' Novembru, 2003

2. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 145 metres long, 0.75 metres wide, 1.5 metres deep, laying of services for an indefinite period in a field measuring about 12,434 square metres, bounded on the South East by an alley, on the East by property of Guido Agius and on the West by property of Francis Desira.

3. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 118 metres long, 0.75 metres wide, 1.5 metres deep, laying of services for an indefinite period in a field measuring about 9,071 square metres, bounded on the South West by property of Nikola Dev. Co., and on the North and the East by an alley.

4. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 152 metres long, 0.75 metres wide, 1.5 metres deep, laying of services for an indefinite period in a field measuring about 15,623 square metres, bounded on the South and the West by an alley and on the North East by property of Kitty Fenech.

5. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 84 metres long, 0.75 metres wide, 1.5 metres deep, laying of services for an indefinite period in a field measuring about 5,513 square metres, bounded on the South West by property of J.M. Farrugia and others, on the East by property of John Calleja and others and on the West by property of the Archiepiscopal Curia.

6. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 35 metres long, 0.75 metres wide, 1.5 metres deep, laying of services for an indefinite period in a field measuring about 2,909 square metres, bounded on the North West by property of the Archiepiscopal Curia, on the West by property of Kitty Fenech and on the North East by property of the Degiovanni family.

7. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 142 metres long, 0.75 metres wide, 1.5 metres deep, laying of services for an indefinite period in a field measuring about 10,048 square metres, bounded on the North and the North West by an alley and on the South West by property of John Calleja and others.

The above mentioned lands are shown in green as plots Nos. from 1 till 7 whilst the trench is shown with the colour red on plan marked P.D. 110_2003 which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GEORGE HYZLER
A/President

14th November, 2003

Nru. 1088

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

Il-21 ta' Novembru, 2003
(File No. L296/95)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Settembru, 1995, taħt in-Notifikazzjoni Nru. 598, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u billi l-art ma għadhiex aktar ħekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija ma għadhiex aktar meħtiega mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'Ħal Luqa:

1. Tħaffir ta' trinka 35 metru twila, 4.5 metri wiesgħa u 1.8 metri fonda, tqegħid ta' katusi għal żmien indefinit ġo għalqa tal-kejl ta' circa 1,214-il metru kwadru, liema għalqa tmiss mill-Majjistral ma' Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa, mill-Grigal ma' proprjetà ta' Santi Mallia u mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Karmenu Mallia.

2. Tħaffir ta' trinka 70 metru twila, 4.5 metri wiesgħa u 1.8 metri fonda, tqegħid ta' katusi għal żmien indefinit ġo għalqa tal-kejl ta' circa 1,41-il metru kwadru, liema għalqa tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Santi Mallia, min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-*Joint Office* u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-werrieta ta' Ružar Scicluna.

3. Tħaffir ta' trinka 88 metru twila, 4.5 metri wiesgħa u 1.8 metri fonda, tqegħid ta' katusi għal żmien indefinit ġo għalqa tal-kejl ta' circa 4,451 metru kwadru, liema għalqa tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Joseph Azzopardi, mix-Xlokk ma' proprjetà tal-*Joint Office* u mill-Punent ma' proprjetà ta' Reno Camilleri.

4. Tħaffir ta' trinka 21 metru twila, 4.5 metri wiesgħa u 1.8 metri fonda, tqegħid ta' katusi għal żmien indefinit ġo għalqa tal-kejl ta' circa 1,942 metru kwadru, liema għalqa tmiss mil-Lvant ma' proprjetà tal-werrieta ta' Ružar Scicluna, mill-Punent ma' proprjetà ta' Salvu Camilleri u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-*Joint Office*.

No. 1088

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

21st November, 2003

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by Declaration of the President of Malta published in the Government Gazette of the 22nd September, 1995, under Notice No. 598, the President of Malta had declared the undermentioned land to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and whereas this land is no longer required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Luqa:

1. Digging of a trench 35 metres long, 4.5 metres wide and 1.8 metres deep, laying of pipes for an indefinite period of time in a field of the area of about 1,214 square metres, which field is bounded on the North West by Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa, on the North East by property of Santi Mallia and on the South East by property of Karmenu Mallia.

2. Digging of a trench 70 metres long, 4.5 metres wide and 1.8 metres deep, laying of pipes for an indefinite period of time in a field of the area of about 1,416 square metres, which field is bounded on the North West by property of Santi Mallia, on the South by property of Joint Office and on the South West by property of heirs of Ružar Scicluna.

3. Digging of a trench 88 metres long, 4.5 metres wide and 1.8 metres deep, laying of pipes for an indefinite period of time in a field of the area of about 4,451 square metres, which field is bounded on the North West by property of Joseph Azzopardi, on the South East by property of Joint Office and on the West by property of Reno Camilleri.

4. Digging of a trench 21 metres long, 4.5 metres wide and 1.8 metres deep, laying of pipes for an indefinite period of time in a field of the area of about 1,942 square metres, which field is bounded on the East by property of Ružar Scicluna, on the West by property of Salvu Camilleri and on the South by property of Joint Office.

5. Tħaffir ta' trinka 113-il metru twila, 4.5 metri wiesgħa u 1.8 metri fonda, tqegħid ta' katusi għal żmien indefinit ġo għalqa tal-kejl ta' circa 4,451 metru kwadru, liema għalqa tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Salvu Camilleri u minn Nofsinhar u mill-Grigal ma' proprjetà tal-*Joint Office*.

L-artijiet hawn fuq imsemmija jidhru mmarkati bħala *plots* minn 1 sa 5 rispettivament filwaqt li trinka hija murija bil-kulur aħmar fuq il-pjanta L.D. 154/95 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GEORGE HYZLER
A/President

L-14 ta' Novembru, 2003

5. Digging of a trench 113 metres long, 4.5 metres wide and 1.8 metres deep, laying of pipes for an indefinite period of time in a field of the area of about 4,451 square metres, which field is bounded on the North West by property of Salvu Camilleri and on the North East by property of Joint Office.

The above mentioned lands are shown as plots from 1 to 5 respectively while trench is shown in colour red on plan L.D. 154/95, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GEORGE HYZLER
A/President

14th November, 2003

Nru. 1089

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' dan l-Ordinanza.

Il-21 ta' Novembru, 2003
(File No. L407/91)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija suġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art fil-Mosta:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex tħaffir ta' trinka 25 metru twila, 0.76 metri wiesgħa u 2 metri fonda, tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-

No. 1089

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

21st November, 2003

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land at Mosta:–

1. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 25 metres long, 0.76 metres wide and 2 metres deep, laying of services for an indefinite period in a field measuring

kejl ta' madwar 2,482 metru kwadru, li tmiss min-Nofsinhar ma' triq pubblika, u mill-Majjistral u mil-Lvant ma' proprjetà ma' Francesco Fenech Limited.

2. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex tħaffir ta' trinka 62 metru twila, 0.76 metri wiesgħa u 2 metri fonda, li tinkludi 2 *manholes* u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 10,250 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Francesco Fenech Limited, u min-Nofsinhar u mix-Xlokk ma' triq pubblika.

L-artijiet hawn fuq imsemmija huma murija bil-kulur isfar u blu rispettivament fuq pjanta markata L.D. 238/91, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GEORGE HYZLER
A/President

L-14 ta' Novembru, 2003

about 2,482 square metres, bounded on the South by a public road, on the North West and on the East by property belonging to Francesco Fenech Limited.

2. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 62 metres long, 0.76 metres wide and 2 metres deep, consisting of 2 manholes and laying of services for an indefinite period in a field measuring about 10,250 square metres, bounded on the North East by property belonging to Francesco Fenech Limited, and on the South and on the South East by a public road.

The above mentioned lands are shown in colour yellow and blue respectively on plan marked L.D. 238/91, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GEORGE HYZLER
A/President

14th November, 2003

Nru. 1090

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' dan l-Ordinanza.

Il-21 ta' Novembru, 2003
(File No. L512/86)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija suġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art fil-Mosta:–

No. 1090

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

21st November, 2003

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land at Mosta:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 92 metru twila, 0.76 metri wiesgħa u 2 metri fonda, li tinkludi 3 *manholes* u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 8,200 metri kwadri, li tmiss mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern, min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Dott. Philip Attard Montaldo, LL.D. u mill-Grigal ma' proprjetà ta' Angelo Bezzina.

2. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 7 metri twila, 0.76 metri wiesgħa u 2 metri fonda, li tinkludi *manhole* u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 3,162 metru kwadru, li tmiss mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Dott. Philip Attard Montaldo, LL.D., mil-Lvant ma' proprjetà ta' Angelo Bezzina u mill-Grigal ma' proprjetà ta' Grezzju Sammut.

L-artijiet hawn fuq imsemmija huma murija bil-kulur blu u aħmar rispettivament filwaqt li trinka hija murija bil-kulur aħmar fuq pjanta markata L.D. 289/91, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Din il-Proklama qed tħassar in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 146 ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Frar, 1992.

(Iff) GEORGE HYZLER
A/President

L-14 ta' Novembru, 2003

Nru. 1091

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

Il-21 ta' Novembru, 2003
(File No. L737/89)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' Marzu, 1990, taħt in-Notifikazzjoni Nru. 185, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u billi l-art ma għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija ma għadhiex aktar meħtiega mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

1. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 92 metres long, 0.76 metres wide and 2 metres deep, consisting of 3 manholes and laying of services for an indefinite period in a field measuring about 8,200 square metres, bounded on the East by Government property, on the South by property of Dr Philip Attard Montaldo, LL.D. and the North East by property of Angelo Bezzina.

2. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 7 metres long, 0.76 metres wide and 2 metres deep, consisting of a manhole and laying of services for an indefinite period in a field measuring about 3,162 square metres, bounded on the South West by property of Dr Philip Attard Montaldo, LL.D., on the East by property of Angelo Bezzina and the North East by property of Grezzju Sammut.

The above mentioned lands are shown in colour blue and red respectively whilst the trench is shown with the colour red on plan marked L.D. 289/91, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

This Proclamation cancels the Government Notification No. 146 published in the Government Gazette of the 28th February, 1992.

(Sgd) GEORGE HYZLER
A/President

14th November, 2003

No. 1091

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

21st November, 2003

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by Declaration of the President of Malta published in the Government Gazette of the 20th March, 1990, under Notice No. 185, the President of Malta had declared the undermentioned land to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and whereas this land is no longer required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Deskrizzjoni ta' l-Art

Is-servitù li ġejjin f'Ħal Qormi:

1. Servitù li jikkonsisti fit-tħaffir ta' trinka 39 metru twila, 1.25 metri wiesgħa u 1.5 metri fonda - f'għalqa tal-kejl ta' 3,580 metru kwadru li tinkludi *manhole* 1.5 metri twila u 1.25 metru wiesgħa - li tmiss mill-Majjistral u mil-Lbiċ ma' triq pubblika u mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Manwel Bonello;

2. Servitù li jikkonsisti fit-tħaffir ta' trinka 69 metru twila, 1.25 metri wiesgħa u 1.5 metri fonda - f'għalqa tal-kejl ta' 7,537 metru kwadru li tinkludi żewġ (2) *manholes* 1.5 metri twal u 1.25 metru wiesgħa - li tmiss mil-Lbiċ ma' triq pubblika, mill-Majjistral ma' proprjetà tal-werrieta ta' George Cassar u mix-Xlokk ma' proprjetà tad-Ditta Orland Bros;

3. Servitù li jikkonsisti fit-tħaffir ta' trinka 65 metru twila, 1.25 metri wiesgħa u 1.5 metri fonda - f'għalqa tal-kejl ta' 7,622 metru kwadru li tinkludi żewġ (2) *manholes* 1.5 metru twal u 1.25 metru wiesgħa - li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Manwel Bonello, mil-Lbiċ ma' proprjetà tad-Ditta Orland Bros u mix-Xlokk parti ma' proprjetà ta' Giuseppi Mifsud u parti ma' proprjetà ta' Carmen Bonello u oħrajn;

4. Servitù li jikkonsisti fit-tħaffir ta' trinka 65 metru twila, 1.25 metri wiesgħa u 1.5 metri fonda - f'għalqa tal-kejl ta' 3,016 metru kwadru li tinkludi żewġ (2) *manholes* 1.5 metru twal u 1.25 metru wiesgħa - li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà tad-Ditta Orland Bros, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Carmen Bonello u oħrajn u mix-Xlokk parti ma' proprjetà tad-Ditta Orland Bros;

5. Servitù li jikkonsisti fit-tħaffir ta' trinka 48 metru twila, 1.25 metri wiesgħa u 1.5 metri fonda - f'għalqa tal-kejl ta' 3,721 metru kwadru li tinkludi *manhole* 1.5 metru twila u 1.25 metru wiesgħa - li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà tad-Ditta Orland Bros u mill-Grigal parti ma' proprjetà ta' Giuseppi Mifsud u parti ma' proprjetà tad-Ditta Orland Bros u min-Nofsinhar ma' triq pubblika;

6. Servitù li jikkonsisti fit-tħaffir ta' trinka 32 metru twila, 1.25 metri wiesgħa u 1.5 metri fonda - f'għalqa tal-kejl ta' 1,535 metru kwadru li tinkludi *manhole* 1.5 metru twila u 1.25 metru wiesgħa - li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà tad-Ditta Orland Bros u mill-Punent ma' proprjetà ta' Carmen Bonello u oħrajn u mil-Lbiċ ma' triq pubblika;

7. Servitù li jikkonsisti fit-tħaffir ta' trinka 93 metru twila, 1.25 metri wiesgħa u 1.5 metri fonda - f'għalqa tal-kejl ta' 4,850 metru kwadru li tinkludi tliet (3) *manholes* 1.5 metru twila u 1.25 metru wiesgħa - li tmiss mill-Punent u mill-Grigal ma' triq pubblika u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Lela Cassar.

Description of the Land

The following easements at Qormi:

1. Easement consisting in the digging of a trench 39 metres long, 1.25 metres wide and 1.5 metres deep - in a field of the area of 3,580 square metres including a manhole 1.5 metres long and 1.25 metres wide - bounded on the North West and the South West by a public street and on the South East by property of Manwel Bonello.

2. Easement consisting in the digging of a trench 69 metres long, 1.25 metres wide and 1.5 metres deep - in a field of the area of 7,537 square metres including two (2) manholes 1.5 metres long and 1.25 metres wide - bounded on the South West by a public road, on the North West by property of the heirs of George Cassar and on the South East by property of the Firm Orland Bros;

3. Easement consisting in the digging of a trench 65 metres long, 1.25 metres wide and 1.5 metres deep - in a field of the area of 7,622 square metres including two (2) manholes 1.5 metres long and 1.25 metres wide - bounded on the North West by property of Manwel Bonello, on the South West by property of the Firm Orland Bros and on the South East partly by property of Giuseppi Mifsud and partly by property of Carmen Bonello and others;

4. Easement consisting in the digging of a trench 65 metres long, 1.25 metres wide and 1.5 metres deep - in a field of the area of 3,016 square metres including two (2) manholes 1.5 metres long and 1.25 metres wide - bounded on the North West by property of the Firm Orland Bros, on the South West by property of Carmen Bonello and others and on the South East partly by property of the Firm Orland Bros;

5. Easement consisting in the digging of a trench 48 metres long, 1.25 metres wide and 1.5 metres deep - in a field of the area of 3,721 square metres including a manhole 1.5 metres long and 1.25 metres wide - bounded on the North West by property of the Firm Orland Bros and on the North East partly by property of Giuseppi Mifsud and partly by property of the Firm Orland Bros and on the South by a public street.

6. Easement consisting in the digging of a trench 32 metres long, 1.25 metres wide and 1.5 metres deep - in a field of the area of 1,535 square metres including a manhole 1.5 metres long and 1.25 metres wide - bounded on the North East by property of the Firm Orland Bros and on the West by property of Carmen Bonello and others and on the South West by a public street;

7. Easement consisting in the digging of a trench 93 metres long, 1.25 metres wide and 1.5 metres deep - in a field of the area of 4,850 square metres including three (3) manholes 1.5 metres long and 1.25 metres wide - bounded on the West and the North East by a public road and on the East by property of Lela Cassar.

L-artijiet hawn fuq imsemmija jidhru mmarkati fuq il-pjanta L.D. 328/89 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GEORGE HYZLER
A/President

L-14 ta' Novembru, 2003

The above mentioned lands are shown on plan L.D. 328/89, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GEORGE HYZLER
A/President

14th November, 2003

Nru. 1092

ĦATRA TA' AĠENT KUMMISSJUNARJU ELETTORALI PRINĊIPALI

IS-SEGRETARJU Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja.

No. 1092

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF ELECTORAL COMMISSIONER

THE Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment.

ISEM *NAME*	POST *POST*	UFFIĊĊJU *OFFICE*	DATA *DATE*
Mr George Saliba	Kummissjunarju Elettorali Prinċipali *Chief Electoral Commissioner*	Uffiċċju Elettorali *Electoral Office*	26 u 27.11.2003

Il-21 ta' Novembru, 2003

21st November, 2003

Nru. 1093

MALTASONG BOARD

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għaż-Żgħażagħ u Kultura ħatar lill-persuni msemmija hawn taħt fuq il-Maltasong Board b'seħħ immedjat sal-31 ta' Diċembru, 2004.

Chairperson
Ms Grace Borg

Deputat Chairperson
Is-Sur John Bundy

Segretarju
Is-Sur Raymond Cassar

Membri
Ms Antonella Vassallo
Ms Nadette Bugeja
Is-Sur Adrian Mizzi
Is-Sur Mario Ellul
Is-Sur Mike Spiteri
Is-Sur Sergio Carbonaro

Il-21 ta' Novembru, 2003

No. 1093

MALTASONG BOARD

IT is notified for general information that the Minister for Youth and the Arts has appointed the persons listed hereunder on the Maltasong Board with immediate effect until the 31st December 2004.

Chairperson
Ms Grace Borg

Deputy Chairperson
Mr John Bundy

Secretary
Mr Raymond Cassar

Members
Ms Antonella Vassallo
Ms Nadette Bugeja
Mr Adrian Mizzi
Mr Mario Ellul
Mr Mike Spiteri
Mr Sergio Carbonaro

21st November, 2003

Nru. 1094

BORD TAL-*WARRANT* TAL-PERITI

Reġistrazzjoni ta' Soċjetà ta' Detenturi ta' *Warrant* ta' Arkitett u Inġinier Ċivili (Periti)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi s-Soċjetà ta' Detenturi ta' *Warrant* ta' Arkitett u Inġinier Ċivili (Perit) hawn taħt imsemmija ġiet reġistrata skond l-artikolu 9 ta' l-Att ta' l-1996 dwar l-Arkitetti u Inġinieri Ċivili (Periti).

Numru tar-Reġistrazzjoni tas-Soċjetà *Registration Number of Partnership*	Isem tas-Soċjetà *Name of Partnership*	Numru tar-Reġistrazzjoni u Isem tal-Membri tas-Soċjetà *Registration Number and Name of Partners*
P/9	AoM Partnership	305 Drago David 132 Torpiano Alex 238 Felice David 154 Buhagiar Konrad 345 Miceli-Farrugia Alberto 155 Buhagiar Spiridione k/a Dion 173 Bonello Mark Anthony k/a Marc

In-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1074 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17, 504 tat-18 ta' Novembru, 2003 hija b'din imħassra.

Il-21 ta' Novembru, 2003

No. 1094

ARCHITECTURAL AND CIVIL ENGINEERING PROFESSIONALS WARRANTS BOARD (PERITI)

Registration of a Partnership of Warrant Holders as Architectural and Civil Engineering Professionals (Periti)

IT is notified for general information that the Partnership of Warrant Holders as Architectural and Civil Engineering Professionals (Periti) mentioned hereunder was registered in accordance with section 9 of the Architecture and Civil Engineering Professionals (Periti) Act, 1996.

Numru tar-Reġistrazzjoni tas-Soċjetà *Registration Number of Partnership*	Isem tas-Soċjetà *Name of Partnership*	Numru tar-Reġistrazzjoni u Isem tal-Membri tas-Soċjetà *Registration Number and Name of Partners*
P/9	AoM Partnership	305 Drago David 132 Torpiano Alex 238 Felice David 154 Buhagiar Konrad 345 Miceli-Farrugia Alberto 155 Buhagiar Spiridione k/a Dion 173 Bonello Mark Anthony k/a Marc

Government Notice No. 1074 published in the Government Gazette No. 17,504 of the 18th November, 2003 is hereby repealed.

21st November, 2003

Nru. 1095

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Franco Pellegrini, LL.D., Nutar Prinċipali tal-Gvern, bħala Nutar Delegat ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Cora Vella, LL.D., sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer.

John Muscat
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

L-14 ta' Novembru, 2003

No. 1095

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Franco Pellegrini, LL.D., Chief Notary to Government, to be Notary Delegate for Notary Dr Cora Vella, LL.D., during the latter's absence from these Islands.

John Muscat
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

14th November, 2003

Nru. 1096

'WARRANT' MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu (3) ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79) illi l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista', minn żmien għal żmien, jaħtar persuni, biex ikunu Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament;

Ngħarrfu illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija, il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji bis-setgħa li jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri u sakemm jibqgħu fil-kariga, fil-Ministeru jew Dipartiment għall-perjodu kif indikat.

Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin
Ministry of Foreign Affairs

Mr Nader Salem Rizzo (01.11.2003 - 31.10.2004)
Ms Mikela Tabone (18.11.2003 - 30.11.2004)

ETC
ETC

Mr Herbert Debattista (01.11.2003 - 31.10.2004)

Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta - Direttorat tal-Liċenzi u Ttestjar
Malta Transport Authority - Licensing and Testing Directorate
(01. 12. 2003 - 30.11.2004)

Mr Martin Debono
Ms Jacqueline Meli
Ms Norma Spiteri
Ms Karin Baldacchino
Mr David Gatt
Ms Maureen Grima
Mr Joseph Fenech
Mr Stephen Cachia
Mr Felix Decelis
Mr Malcolm Titley
Mr Bernard Bonnici
Mr Charles Lia
Ms Sylvana Bartolo
Ms Pasqualina Knamis
Mr Joseph Borg
Ms Josianne Carabott
Mr Jonathan Piscopo

B'Awtorità

Tonio Borg
Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern

Il-21 ta' Novembru, 2003
(MJHA/144/2003)

No. 1096

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

WHEREAS it is provided by Section (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) that the Minister responsible for Justice, may from time to time appoint persons, to be Commissioners for Oaths;

It is notified that in exercise of such powers, the Minister for Justice, appointed the under-mentioned as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, in the Ministry or Department for the period as shown below:

By Authority

Tonio Borg
Minister for Justice and Home Affairs

21st November, 2003

Nru. 1097

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI

MALTACOM plc talbet l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni biex tapprova bdil fit-tariffi kurrenti. L-Awtorità tiddikkjara li skond ir-regolament 31 tar-Regolamenti ta' l-2000 dwar Servizzi ta' Telekomunikazzjonijiet (Ġenerali), hija se tikkunsidra t-tariffi li qed tipproponi l-Maltacom plc, u dan wara li tiżen l-ispejjeż u fatturi oħra rilevanti.

Il-proposti għat-tariffi mill-Maltacom plc jistgħu jinkisbu fuq talba lill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni u wieħed jista' jarahom ukoll fuq il-*website* ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni fuq www.mca.org.mt billi jmorru fuq "tariff applications".

Kummenti dwar il-bdil propost għandhom jaslu għand l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni bil-posta fl-indirizz 43/44, il-Pjazzetta, Triq it-Torri, Tas-Sliema SLM16 jew bl-*e-mail* fuq info@mca.org.mt, mhux aktar tard mid-19 ta' Diċembru 2003.

Il-21 ta' Novembru, 2003

No. 1097

MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

MALTACOM plc has requested the Malta Communications Authority to approve changes to its current tariffs. The Authority declares that in accordance with regulation 31 of the Telecommunications Services (General) Regulations, 2000, it will be considering the tariffs proposed by Maltacom plc, and this after taking into account cost and other appropriate factors.

The tariffs proposed by Maltacom plc are available on request from the Malta Communications Authority, and may also be viewed on the Malta Communications Authority website www.mca.org.mt by clicking on "tariff applications".

Comments about these proposed tariff changes must reach the Malta Communications Authority by post at 43/44, il-Pjazzetta, Triq it-Torri, Sliema SLM 16 or by e-mail on info@mca.org.mt by not later than the 19 December 2003.

21st November, 2003

Nru. 1098

ATT TA' L-2003 DWAR IL-MEDIĊINI (ATT NRU. III ta' l-2003)

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 66 ta' Att ta' l-2003 dwar il-Mediċini, il-Ministru tas-Saħħa qiegħed b'din jippubblika dan l-abbozz ta' regolamenti fejn jippermettu lil kull persuna perjodu ta' erba' ġimgħat biex tagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tagħha lid-Direttur Ġenerali tas-Saħħa u titlob għal reviżjoni ta' dak l-abbozz:-

Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Liċenzi għall-Ispiżjara.

Din in-Notifikazzjoni tal-Gvern tħassar dik bin-numru 1040 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,499 tas-7 ta' Novembru, 2003.

Il-21 ta' Novembru, 2003

No. 1098

MEDICINES ACT 2003 (ACT NO. III of 2003)

By virtue of the powers conferred by article 66 of the Medicines Act, 2003, the Minister of Health is hereby publishing the following draft regulations to allow any person a period of four weeks to make representations to the Director General (Health), and asking for a revision of such draft:-

Pharmacy Licence Regulations, 2003.

This Government Notice replaces the one numbered 1040 published in the Government Gazette No. 17,499 of the 7th November, 2003.

21st November, 2003

A.L. ta' l-2003

ATT TA' L-2003 DWAR IL-MEDIĊINI
(ATT NRU. III TA' L-2003)

Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Liċenzi għall-Ispiżeriji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 66 ta' l-Att ta' l-2003 dwar il-Mediċini, il-Ministru tas-Saħħa, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Liċenzi għall-Ispiżeriji.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fi ……

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"l-Att" tfisser l-Att ta' l-2003 dwar il-Mediċini;

"Awtorità dwar il-Liċenzjar" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika skond l-artikolu 3(1) ta' l-Att;

"liċenza" tfisser liċenza mogħtija taħt l-artikolu 66 ta' l-Att;

"mediċina" tinkludi kull sustanza mediċinali;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għas-saħħa;

"spiżerija" tfisser kull post minn fejn tinbiegħ, tingħata jew xort'oħra tiġi provduta xi sustanza mediċinali direttament lill-pubbliku bl-imnut, irrispettivament jekk dak il-bejgħ, għoti jew provvista jsirux meta tiġi ppreżentata riċetta mogħtija għaldaqstant minn tabib, kirurgu dentist jew veterinarju, jew xort'oħra.

Għoti ta' liċenza.

3. Ma tista' tingħata jew tiġġedded ebda liċenza kemm-il darba dik l-liċenza ma tkunx skond dawn ir-regolamenti.

Skwalifika minn liċenza.

4. (1) Ħadd ma jista' jikkwalifika għal liċenza jekk ikun tabib, kirurgu dentista jew veterinarju, jew jekk ikun żewġt jew tkun mart xi tabib, kirurgu dentali, dentist jew kirurgu veterinarju.

(2) Ebda liċenza ma tingħata jew tiġġedded jekk tabib, kirurgu dentista jew kirurgu veterinarju jkollu xi interess dirett jew indirett fl-ispiżerija.

(3) Ebda tabib, kirurgu dentista jew kirurgu veterinarju jew ħaddieħor li jkun awtorizzat joħroġ riċetti taħt l-Att jew taħt xi Att ieħor ma jista' jagħmel ftehim ma' xi spiżjar jew ħaddieħor għal xi sehem mill-profitti ta' spiżerija, jew ikollu xi interess dirett jew indirett ta' liema xorta jkun f'xi spiżerija.

(4) Ebda spiżjar ma jista':-

(a) jiġġestixxi spiżerija f'isem, jew bi shab ma' xi tabib, kirurgu dentista jew kirurgu veterinarju jew ħaddieħor li jkun awtorizzat li joħroġ riċetti taħt l-Att jew xi Att ieħor;

(b) jagħmel xi ftehim ma' xi tabib, kirurgu dentista jew kirurgu veterinarju jew ħaddieħor li jkun awtorizzat li joħroġ riċetti kif hawn qabel imsemmi, għal xi sehem mill-profitti ta' spiżerija;

(ċ) jislef ismu biex biex in-negozju jkun jista' jsir minn xi ħaddieħor.

Restrizzjonijiet dwar l-għoti ta' liċenza.

5. (1) L-għadd ta' spiżeriji li jista' jkollhom liċenza f'xi belt jew raħal ma għandux ikun inqas minn tnejn, hekk li dawn l-ispiżeriji ma għandhomx ikunu jinsabu f'distanza bil-mixi ta' inqas minn mitejn (200) metru minn xulxin:

Iżda dik id-distanza ma għandhiex tkun tapplika fil-każ ta' spiżeriji li diġà jkollhom liċenza meta dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ.

(2) F'kull belt jew raħal l-għadd ta' spiżeriji ma għandux jeċċedi l-proporzjon ta' spiżerija għal kull elf u sitt mitt abitant:

Iżda tista' tingħata liċenza għal spiżerija fil-każ ta' area residenzjali li tkun għadha kemm żviluppat u li ma jkollhiex inqas minn elf (1,000) abitant jekk ma jkun hemm ebda spiżerija f'distanza ta' mixi ta' ħames mitt (500) metru minn dik l-area li tkun għadha kemm żviluppat.

(3) L-għadd ta' abitanti ta' belt jew raħal għandu jitqies li jkun l-għadd ta' abitanti ta' dik il-belt jew raħal kif pubblikat mill-Uffiċċu Nazzjonali ta' l-Istatistika jew mill-Kummissjoni Elettorali skond il-ħtiġiet ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali. Kap. 363.

6. (1) Ma għandhiex tingħata liċenza għal spiżerija f'belt jew raħal lil applikant li diġà jkollu liċenza għal spiżerija fl-istess belt jew raħal. Applikazzjoni għal liċenza oħra.

(2) Applikant li diġà jkollu liċenza f'xi belt jew raħal jista' jingħata liċenza għal spiżerija oħra f'xi belt jew raħal ieħor sakemm ma jkun hemm ebda applikazzjoni pendenti oħra għal spiżerija f'dik il-lokalità minn persuni li ma jkollhom ebda liċenza għal spiżerija:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament ma għandhomx ikunu japplikaw għar-rigward ta' iktar minn spiżerija waħda li tkun teżisti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti imma għandhom jitqiesu jekk u meta ssir talba għat-trasferiment ta' dik il-liċenza jew applikazzjoni għal tqegħid f'post mill-ġdid.

7. Jista' detentur ta' liċenza ta' spiżerija japplika għat-tqegħid f'post mill-ġdid ta' spiżerija sakemm dak it-tqegħid f'post mill-ġdid isir fl-istess belt jew raħal u l-post il-ġdid propost ikun:- Tqegħid f'post mill-ġdid ta' spiżerija.

(a) joffri faċilitajiet aħjar skond dawn ir-regolamenti mill-post li diġà jeżisti;

(b) jinsab f'distanza ta' mixi ta' mhux iżjed minn mitejn (200) metru 'l bogħod mill-post li diġà jeżisti ta' dik l-ispi\erija;

(ċ) jinsab f'distanza ta' mixi ta' mhux iżjed minn mitejn (200) metru 'l bogħod minn xi spiżerija oħra li diġà teżisti;

(d) jinsab f'distanza ta' mixi ta' mhux iżjed minn mitejn (200) metru 'l bogħod minn xi post li dwaru jkun hemm pendenti xi applikazzjoni għal liċenza.

8. Id-disposizzjonijiet tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti ma għandhomx ikunu japplikaw għal applikazzjoni għal liċenza ta' spiżerija għal *out-patients* fi sptar, iżda dik l-ispiżerija tista' tkun obbligata mill-Awtorità dwar il-Liċenzjar li tipprovdi servizz lill-pubbliku abbażi ta' 24 siegħa sebat ijiem fil-ġimgħa. Spiżeriji fi sptar.

9. Liċenza li tingħata wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti għandu jkollha bħala kondizzjoni tal-liċenza l-obbligazzjoni ta' parteċ ipazzjoni f'xi sistema nazzjonali farmaċewtika ta' distribuzzjoni jew għoti minn spiżerija skond ma l-Ministru jista' jintroduċi. Sistemi farmaċewtiċi nazzjonali.

10. Kull spiżerija li tkun se tinħarġilha liċenza għandha tħares dawn l-i*standards* li ġejjin:- *Standards* relattivi għal spiżeriji.

(a) l-ispiżerija għandha tkun faċilment aċċessibbli għall-pubbliku;

(b) id-dehra minn barra ta' l-ispiżerija għandha tkun tirrifletti x-xorta professjonali ta' l-ispiżerija u tagħmilha ċara lill-pubbliku li l-għan ewlieni ta' l-istabbiliment hu li tiġi eżerċitata l-farmaċ ija;

(ċ) id-daqs tal-post għandu jkun kompatibbli max-xogħol kollu li jsir ġo fih filwaqt li tiġi żgurata komunikazzjoni effiċjenti u effettiva bejn il-persunal ta' l-ispiżerija u l-membri tal-pubbliku;

(d) il-ħitan, pavimenti, soqfa, twieqi u kull parti oħra tal-post għandhom jinżammu nodfa hekk li kull superfiċji li jkun hemm ma jħallix l-ilma jnixxi minnu u jkun jista' jintmesaħ sew biex jindaf;

(e) area mifruxa ta' l-ispazju tal-bank għandha titwarrab biex minn hemm jingħataw il-mediċinali;

(f) il-post ta' l-ispiżerija għandu jinżamm f'kondizzjoni ordinata u mhux imgerfxa;

(ġ) il-post għandu jkun jipprovdi ambjent, f'dak li hu spazju, temperatura, tidwil, umdità, ħsejjes u fatturi oħra li jkunu konformi ma' kull ħtieġa ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, hekk li jiġi provdut ambjent sigur għall-persunal u membri tal-pubbliku li jidħlu f'dak il-post;

(ħ) kull prodott preżenti fuq il-post għandu jkun protett mill-effetti kuntrarji ta' l-estremitajiet tat-temperatura, dawl naturali u umdità eċċessiva b'dak il-mod li dejjem titħares l-ogħla jew l-ibaxx temperatura u umdità u kull kondizzjoni oħra speċifikata fuq l-ippakkettjar mill-manifattur;

(i) kull fetħa għal barra mill-post għandha tinqafel b'mod sigur meta l-ispiżerija tkun magħluqa;

(j) il-faċilitajiet tat-*toilet* għandhom jinżammu ndaf u jaħdmu sew. Il-faċilitajiet għandhom jinkludu ilma sħun u kiesaħ, sapun u xkupilji tad-dwiefer kif ukoll faċilità għat-tinxif ta' l-idejn. L-area tat-*toilet* ma għandhiex tintuża biex minnha jinkiseb l-ilma li jintuża għall-għemil ta' mediċinali jew bħala area ta' ħżin;

(k) isiru arranġamenti kif imiss għat-tneħħija b'mod sigur ta' skart farmaċewtiku u mhux-farmaċewtiku u dak l-iskart ma għandux jitħalla jakkumula fl-ispiżerija.

Post fejn tkun tinsab l-ispiżerija.

11. (1) Il-post fejn tkun tinsab l-ispiżerija għandu jinżamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni f'kull waqt u ma għandhom isirulu ebda tibdiliet strutturali jekk qabel ma tkunx inkisbet l-approvazzjoni ta' l-Awtorità dwar il-Liċenzjar.

(2) Ebda spiżerija ma għandha tagħmel parti minn jew titniffed ma' xi post li jintuża għall-abitazzjoni u ebda spiżerija ma għandha tintuża għall-irqad:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan is-subregolament ma għandhomx japplikaw għar-rigward ta' xi spiżerija li kienet diġà teżisti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti li ma tkunx tista' tiġi strutturalment mibdula sabiex tkun konformi ma' dawk id-disposizzjonijiet.

(3) Id-detentur ta' liċenza ta' spiżerija ma jkun jista' jagħmel jew iġiegħel, jippermetti jew iħalli li ssir fuq dak il-post ebda attività li ma tkunx strettament waħda ta' ħżin, preparazzjoni, għoti ta' mediċinali, bejgħ jew provvista ta' mediċini jew waħda ta' ħżin u bejgħ ta' oġġetti oħra skond ma hu permess b'dawn ir-regolamenti.

(4) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (2) ta' dawn ir-regolamenti, ma għandu jkun hemm ebda tniffid bejn il-post ta' spiżerija u xi post ieħor li jintuża għal xi attività kummerċjali, professjonali jew attività oħra, ħlief skond id-disposizzjonijiet tas-subregolament (3) ta' dawn ir-regolamenti.

Tagħmir, stokk u dehra.

